**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 27 t' Ottubru 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Cecil Emre Kiroglu**

## DIGRIET

Il-Qorti,

Rat li fis-seduta tal-lum il-prosekuzzjoni u Dr Alfred Abela ghall-parte civile talbu d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma u li dawn il-proceduri jinstemghu bil-maghluq ai termini tal-Artikolu 531 tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 531 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi li l-proceduri kriminali jsiru bil-maghluq irid illum il-gurnata jinqara wkoll fid-dawl tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. (Kaptolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta)

Proceduri kriminali huma minn natura taghhom ta' interess pubbliku u r-regola hi li l-proceduri jsiru bil-miftuh, anke biex jigi assigurat it-trasparenza fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja

Mit-trattazzjoni orali jirrizulta car li din it-talba qed issir billi sal-lum ghad ma hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi li tawtorizza lill-Qorti li tordna divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma. Kawza ta' dan in-nuqqas tal-legislatur, il-prosekuzzjoni u l-parte civile qed imorru ghall-estrem l-iehor u qed jitolbu li dawn il-proceduri jsiru bil-maghluq.

Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda persuna involuta ta' eta inqas minn tmintax (18)-il sena.

Din it-talba tal-Prosekuzzjoni u tal-parte civile qieghda issir fuq il-bazi li dawn il-proceduri jistghu joffendu s-sens ta' misthija jew jaghtu skandlu u sabiex jipprotegu r-reputazzjoni tal-vittma.

Rigward il-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-vittma, il-Qorti tosserva li dan mhux kaz li jista' jippregudika r-reputazzjoni tal-vittma ghax ma hemm l-ebda imputazzjoni fil-konfront tal-vittma, ghalhekk appuntu tissejjah vittma. Se mai r-reputazzjoni li wiehed jikkunsidra trid tigi protetta hija r-reputazzjoni tal-imputat, ghax l-imputazzjonijiet qed isiru fil-konfront tieghu. Pero l-Qorti, a skans ta' kull ekwivoku, ma tarax li huwa l-kaz fejn il-proceduri ghandhom isiru bil-maghluq biex tigi protetta r-reputazzjoni tal-imputat, ghalkemm naturalment f'dan l-istadju l-imputat ghadu prezunt innocenti.

Fis-sena 2023 u fil-kuntest ta' socjeta demokratika, il-Qorti ma tarax li proceduri ghal reati ta' stupru u reati relatati jistghu joffendu s-sens ta'misthija jew jaghtu skandlu. Ghall-kuntrarju il-

Qorti temmen li minhabba n-natura serja taghhom, proceduri dwar dawn ir-reati huma ta' interess pubbliku u l-pubbliku ghandu jigi infurmat dwarhom.

Fil-fatt sakemm ma hemmx minuri involuti, il-proceduri kriminali dwar reat ta' stupru fiz-zminijiet ricenti prattikament dejjem isiru fil-Qorti bil-miftuh.

Dak li l-Qorti taqbel li ghandu jigi protttett f'certi cirkostanzi fi proceduri bhal dawn huwa isem il-vittma sabiex ma jkunx hemm *secondary victimisation.* Pero kif diga inghad, il-legislatur ghadu ma promulgax id-dispozizzjonijiet tal-ligijiet opportuni sabiex jippermetti lill-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-Parte offiza – ghalkemm m'ghandhiex dubbju li saret b'intenzjonijiet tajba – li l-Qorti ghandha taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur billi tmur ghall-estrem u tordna li l-proceduri isiru bil-bieb maghluq. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti kieku hija kellha tilqa' din it-talba tkun qed taghmel *"overkill"* u tkun qed tivvjola d-dritt tal-pubbliku li jircievi informazzjoni dwar materji ta' interess pubbliku.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tichad it-talba

**Dr Marse-Ann Farrugia**
**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**